

## I

(Riżoluzzjonijiet, rakkomandazzjonijiet u opinjonijiet)

## OPINJONIJIET

## IL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-4 ta' Marzu 2011

dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (kodifikazzjoni)

(CON/2011/18)

(2011/C 114/01)

**Introduzzjoni u bażi legali**

Fis-26 ta' Jannar 2011, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mingħand il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni (Kodifikazzjoni) <sup>(1)</sup> (minn hawn 'il quddiem "ir-regolament propost").

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(4) u l-Artikolu 128(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress illi r-regolament propost jirrigwarda d-denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

**Osservazzjonijiet ġenerali**

Ir-regolament propost huwa kodifikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 975/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar denominazzjonijiet u speċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni <sup>(2)</sup>. L-ebda bidla fis-sustanza ma saret lir-regoli eżistenti dwar id-denominazzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro.

Waqgħ illi l-BĊE ġeneralment jilqa' l-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni, huwa jinnota illi l-metodu ta' kodifikazzjoni ma jippermettix li jsir tibdil sostanzjali lir-Regolament (KE) Nru 975/98. Madankollu l-BĊE huwa tal-fehma illi għandha ssir modifika lill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'Anness I tar-regolament propost, kif spjegat fl-Anness.

Fejn il-BĊE jirrakkomanda illi jiġi emendat ir-regolament propost, qed tiġi stabbilita għal dan il-għan proposta għall-abbozzar fl-Anness flimkien ma' test spjegattiv.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-4 ta' Marzu 2011.

*Il-President tal-BĊE*  
Jean-Claude TRICHET

<sup>(1)</sup> KUMM(2010) 691 finali.

<sup>(2)</sup> ĠU L 139, 11.5.1998, p. 6.

## ANNEX

## Proposti għall-abbozzar

Test propost mill-Kummissjoni	Emenda proposta mill-BĊE <sup>(1)</sup>
-------------------------------	---

**Emenda 1**

Premessa 13 tar-Regolament propost

“(13) Mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi preskritti għall-muniti tal-euro, il-valur tal-ħxuna biss huwa ta' natura indikattiva, għaladarba l-ħxuna attwali ta' munita tiddependi minn dijametru u toqol preskritti,”	“(13) Mill-ispeċifikazzjonijiet tekniċi preskritti għall-muniti tal-euro, il-valur tal-ħxuna biss huwa ta' natura indikattiva, għaladarba l-ħxuna attwali ta' munita tiddependi minn dijametru u toqol preskritti,”
---	---

## Spjegazzjoni

Waqt illi valuri indikattivi relatati mal-ħxuna tal-muniti setgħu kienu l-uniċi valuri li setgħu jiġu stabbiliti fl-1998 meta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni ġew adottati għall-ewwel darba, il-BĊE jirrakkomanda illi dawn il-valuri indikattivi jiġu issa sostitwiti mill-valuri tal-ħxuna reali tal-muniti tal-euro, li huma magħrufin sew u użati bħala valuri ta' referenza miz-zekek biex jipproduċu l-muniti.

**Emenda 2**

Anness I għar-Regolament propost.

“Speċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 1				“Speċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 1			
Valur fuq il-wiċċ (...)	Spessur f'mm <sup>(1)</sup>	(...)	(...)	Valur fuq il-wiċċ (...)	Spessur f'mm <sup>(1)</sup>	(...)	(...)
2	(...)	1,95	(...)	2	(...)	<del>1,95</del> <b>2,20</b>	(...)
1	(...)	2,125	(...)	1	(...)	<del>2,125</del> <b>2,33</b>	(...)
0,50	(...)	1,88	(...)	0,50	(...)	<del>1,88</del> <b>2,38</b>	(...)
0,20	(...)	1,63	(...)	0,20	(...)	<del>1,63</del> <b>2,14</b>	(...)
0,10	(...)	1,51	(...)	0,10	(...)	<del>1,51</del> <b>1,93</b>	(...)
0,05	(...)	1,36	(...)	0,05	(...)	<del>1,36</del> <b>1,67</b>	(...)
0,02	(...)	1,36	(...)	0,02	(...)	<del>1,36</del> <b>1,67</b>	(...)
0,01	(...)	1,36	(...)	0,01	(...)	<del>1,36</del> <b>1,67</b>	(...)
<sup>(1)</sup> Il-valuri dwar l-ispejssur huma indikattivi.”				<sup>(1)</sup> Il-valuri dwar l-ispejssur huma indikattivi.”			

## Spjegazzjoni

Anness I għar-Regolament propost jirriproduċi t-tabella li tinsab fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 975/98. F'din it-tabella, il-ħxuna tal-muniti hija indikata fit-tielet kolonna, b'nota ta' qiegħ il-paġna li ssemmi li l-valuri dwar il-ħxuna huma ta' natura indikattiva. Waqt illi dawn il-valuri indikattivi setgħu kienu l-uniċi valuri li setgħu jiġu stabbiliti fl-1998 meta l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-muniti tal-euro maħsuba għaċ-ċirkolazzjoni ġew adottati għall-ewwel darba, il-BĊE jirrakkomanda illi dawn il-valuri indikattivi jiġu issa sostitwiti mill-valuri tal-ħxuna reali tal-muniti tal-euro, li huma magħrufin sew u użati bħala valuri ta' referenza miz-zekek biex jipproduċu l-muniti.

<sup>(1)</sup> Il-grassett fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi li jiddaħħal test ġdid. L-ingassar fil-korp tat-test jindika fejn il-BĊE qed jipproponi t-tħassir ta' test.